10 ta' Ġunju, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Carmela Farrugia ne. et. *versus* Concetta Mintoff et. (*)

**Leġittima — Eredità — Riskju — Likwidazzjoni — Diviżjoni — Kollazzjoni — Riunjoni tal-Patrimonju — Legati — Dota Monastika — Spejjeż tal-Festin — Rigali — Spejjeż Funerarji — Art. 652 u 657 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-leġittimarju ma hux eredi; imma lanqas huwa kreditur ta' l-eredità; huwa biss għandu porzjoni mill-beni li ħalla d-decujus li hija riżervata lilu mill-liġi.*

*Il-leġittimarju għalhekk għandu jsib il-beni ereditarji kif ħallihom id-decujus; u r-riskju ta' dawk il-beni huwa fuq l-eredi. Imma jekk dawk il-beni sofrew xi dannu straordinarju, li għalih mhux tenut jirrispondi l-eredi, dak id-dannu jbatih anki l-leġittimarju, fis-sens illi l-beni li jmissu bi ħlas tal-leġittima għandu jeħodhom hekk danneġġjati.*

*Fil-każ il-beni ereditarji kienu sofrew xi ħsara bil-għemil tal-għadu fil-gwerra, u ġie deċiż illi l-leġittima kellha tiġi kalkulata mhux fuq il-valur tal-beni mingħajr dik il-ħsara, imma fuq il-valur tal-beni kif hekk danneġġjati, salv id-dritt tal-leġittimarju li jippartecipa fil-kumpens li eventwalment tħallas il-War Damage Commission għal dik il-ħsara.*

*Il-likwidazzjoni ta' assi ereditarju ssir verament tant għall-fini tad-diviżjoni kemm għal dak tal-likwidazzjoni tal-leġittima; imma*

*dan il-konċett mhux eżatt għal kollox, għaliex għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima jista' jkun hemm bżonn li ssir ir-riduzzjoni ta' donazzjonijiet u ta' legati li f'każijiet oħra ma jkunx hemm bżonn li ssir.*

*Id-dota monastika hija konferibili bħad-dota fiż-żwieġ; imma l-ispejjeż li jsiru għall-festin tal-professjoni monastika mhumiex konferibili, bħalma mhumiex konferibili l-ispejjeż li jsiru fl-okkażjoni tal-festa taż-żwieġ.*

*Ir-rigali li d-decujus jagħmel a favur ta' kwalunkwe persuna għandhom jiġu mdaħħlin fir-rijunioni tal-patrimonju tad-decujus biex tiġi kalkulata l-leġittima; u anki l-legati li d-decujus ikun għamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' beneficenza.*

*L-ispejjeż funerarji għandhom jinqatgħu mill-assi qabel ma tiġi kalkulata l-leġittima; imma dawk li għandhom jinqatgħu huma dawk li effettivament ikunu ntefqu għall-funeral, avvolja d-decujus ikun stabbilixxa somma akbar minn dik li effettivament tintefaq għal dawk il-funerali.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn talbu li tiġi likwidata u assenjata l-leġittima dovuta lill-atturi fuq l-assijiet ta' l-imsemmijin nanniet tagħhom Gio Maria u Marianna ġa miżżewġin Farrugia, li mietu rispettivament fis-7 ta' Ġunju 1933 u 18 ta' Awissu 1935, billi jkunu nominati nutar biex jagħmel l-att ta' l-imsemmija assenjazzjoni u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi fuq l-att; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Frar 1947;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fit-30 ta' Ġunju 1948, fejn illikwidat fil-valur ta' £318. 0. 6 il-leġittima dovuta lill-atturi flimkien mill-wirt ta' nannuhom Gio Maria Farrugia, u fil-valur ta' £220. 13. 4 il-leġittima spettanti lill-istess atturi flimkien mill-wirt ta' nannithom Marianna Farrugia; ordnat illi għas-sodisfazzjon tal-leġittimi tagħhom fuq il-wirt tan-nanniet tagħhom Gio Maria u Marianna Farrugia jiġu lill-atturi assenjati

(*) Deċiża b'sentenza finali fl-Appell, 27. 3. 50.

flimkien u indivižament bejniethom is-sustanzi indikati fil-*parti razzjonali* ta' dik is-sentenza; u billi bhala leġittimarji għandhom id-dritt għall-frutti mill-ġurnata ta' l-apertura tas-suċċessjoni, li rrendew il-beni li jikkomponu l-leġittima. jiġifieri s-sustanzi fuq indikati, sa meta dawn is-sustanzi jgħaddu definitivament fil-pussess tagħhom, u billi Gio Maria Farrugia miet fis-7 ta' Gunju 1933 u Marianna Farrugia mietet fit-*18 ta' Awissu 1935*, ordnat *l jitħallsu wkoll lill-atturi flimkien* bejniethom il-kera perċepit mill-mezzanin numru 41, Triq Kardinal Sciberras, Ħamrun, mis-7 ta' Gunju 1933 sal-*ġurnata li fih jiġi publikat*. wara li jitnaqqsu ċ-ċnus li għalih dan il-fond huwa suġġett. l-imgħax tas-5% fuq it-£8. 6. 8 kwota mill-kreditu kontra..............; wara li kkunsidrat;

Illi l-imsemmijin Gio Maria Farrugia u martu Marianna.............. ħallew lil xulxin legat ta' l-użufrutt universali tal-beni tagħhom................. ħallew diversi legati, istitwew bħala werrieta universali tagħhom..............;

*Omissis;*

Illi wara l-mewt ta' din Marianna Farrugia saru kawżi oħra bejn il-kontendenti, barra mill-kawża preżenti............;

Illi b'sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Novembru 1941, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tal-25 ta' Mejju 1942, ġew provduti biss l-ewwel żewġ domandi, u mhux ukoll it-tielet talba relativa għall-qasma ta' l-assi partikulari ta' Gio Maria Farrugia, għar-raġuni li l-atturi tal-lum għażlu li jieħdu l-leġittima.............. u dik is-sentenza rriteniet illi din il-leġittima għandha tiġi likwidata f'kawża separata, u kwindi ssoprassediet..............;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni..............;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi f'dana l-appell ta' Concetta mart Lorenzo Mintoff il-gravam ta' *l-appellanti* huwa *illi* l-Ewwel *Qorti rriteniet illi* l-leġittima għandha tittieħed fuq il-valur ta' l-assijiet kif kienu jinsabu fil-ġurnata ta' meta mietu t-testaturi, għax il-leġittimarju mhux eredi u għalhekk il-perikoli ta' l-oġġetti eredi-

tarji huma kontra l-eredi biss; mentri l-appellanti ssottomettiet illi l-leġittima għandha tiġi likwidata fuq il-valur ta' l-assi tal-lum, bid-diminuzzjoni derivanti mill-ħsarat tal-gwerra;

Il-prinċipji sottomessi mill-appellanti fuq dana l-pont huma ċżatti, u ma jidhrux lanqas kontrastati mill-appellati, skond in-nota tagħhom preżentata fit-22 ta' Mejju 1947. Infatti l-leġittimarju mhux eredi, kontra s-sistema prevalenti fil-kodiċi kontinentali, li jsegwu s-sistema tad-dritt komuni prevalenti; imma mill-banda l-oħra lanqas huwa kreditur ta' l-eredità. Il-liġi hija ċara meta ssemmi l-leġittima u tgħid "expressis verbis" (art. 313 Ordinanza VII tal-1868, il-lum art. 652 tal-Kodiċi Ċivili) illi l-leġittima hija porzjoni tal-beni tad-decujus riżervata mil-liġi favur id-dixxendenti, u fin-nuqqas ta' dawn favur l-axxendenti tad-decujus stess; u mbagħad fl-artikolu ta' wara (318, il-lum 657), tgħid illi dik il-leġittima hija dovuta fi proprjetà assoluta — "in piena proprietà". U t-testatur, peress li hija porzjoni indisponibili, ma jistax jimponi fuqha l-ebda piż, jew l-ebda kondizzjoni; il-leġittima għandha tiġi kalkolata fuq il-patrimonju intier, dedotti d-djun u l-ispejjeż funerarji;

Minn dan jidher illi l-leġittimarju għandu jieħu dik il-porzjoni tal-beni mill-patrimonju tad-decujus; u għalhekk għandu jsib dak il-patrimonju kif ħallih id-decujus, għax diversament tista' tiġi l-kwistjoni illi l-eredi, fil-konservazzjoni tal-patrimonju, ma għamelx id-diliġenza neċessarja għall-konservazzjoni tiegħu. Għalhekk ordinarjament il-perikoli għar-riski ordinarji għandhom jiġu sopportati mill-eredi. Iżda meta hemm dannu li ġej minn perikolu straordinarju, fejn id-diliġenza ta' l-eredi ma tistax bl-ebda mod tiġi miġjuba biex tinfluwenza l-grad ta' konservazzjoni tal-beni, allura l-leġittimarju ma jistax jippretendi illi ittraskura dak l-event straordinarju illi minħabba fih il-beni sofrew xi dannu. Dan l-event huwa l-bumbardament minħabba l-għemil tal-għadu, u għalhekk id-danni li ġraw lill-immobili minħabba l-gwerra. U jingħad "immobili", peress li għal mobili hemm bżonn, anki f'dan l-event straordinarju, illi ssir indaġini ulterjuri, jekk ċioè, anki bl-istat tal-gwerra kollu u bil-perikolu li allura kon-

na fih, setax l-eredi jiehu 'żjed kura tal-mobbli biex kemm jista' jkun isalvahom mill-għemil tal-għadu; imma in riferenza għall-immobili din 'r-riċerka mhix neċessarja. Għalhekk, jekk f'dak il-perijodu l-beni, jew xi beni, tad-decujus sofrew xi ħsara minħabba l-għemil tal-għadu, u għalhekk xi beni ġew distrutti jew deprezzati, il-leġittima għandha tiġi kalkulata fuq l-istat ta' dawk 'l-beni kif instabu wara dak id-dannu, meħud kalkolu tal-kumpens rifondibili mill-War Damage Commission. Diversament il-leġittimarju jiġi avvantaġġjat di fronti għall-eredi, illi jkun sofra dak id-dannu straordinarju;

Lanqas ġie allegat illi l-assenjazzjoni ta' xi fond kienet qabel il-gwerra u ġiet stabbilita favur il-leġittimarju, u minħabba l-mora inġustifikata ma saretx; għaliex allura jidħol l-element ta' ħtija da parti ta' l-eredi li għalih għandu jirrispondi. Iżda fin-nuqqas ta' kwalunkwe ħtija da parti ta' l-eredi, u din il-ħtija ta' kwalunkwe natura ma ġietx akkampata mill-appellati, allura l-leġittimarju għandu jipparteċipa kif intqal iżjed 'il fuq;

L-appellati jgħidu illi huma jaqblu mal-prinċipji fuq żvolti fuq in-natura tal-leġittima, u speċjalment mal-fatt illi ma tistax tipparteċipa min-natura ta' kreditu, imma ssottomettew illi din il-kwistjoni hija kollha dottrinali, għaliex id-differenza hija minima, u għalhekk hemm nuqqas ta' interess. Dana però mhux eżatt, għaliex, kbira jew żgħira d-differenza, l-interess dejjem hemm; jekk imbagħad jirriżulta illi dik id-differenza hija verament żgħira u traskurabili, tkun allura kollha kwistjoni li għandha neċessarjament tirrifletti fuq il-kap ta' l-ispejjeż;

L-appellanti fuq din 'l-kwistjoni ssottomettew ukoll illi l-appellanti ma għamlux appell fuq l-assenjazzjoni tal-beni, u allura huma ma jistgħux jipparteċipaw mill-kumpens li jiġi mogħti mill-War Damage Commission, peress illi l-fondi lilhom assenjati ma għandhomx danni. Imma anki din l-osservazzjoni hija mingħajr bażi; għaliex jekk huma għamlu appell fuq il-valur tal-leġittima, 'lli jmissha tkun ta' valur ieħor, u jekk din il-kwistjoni tiġi milqugħa, allura jġib neċessarjament spostament fil-kalkolu kollu li jkun sar; u anki jekk tib-

qa' dik l-assenjazzjoni, eventwalment il-leġittimarji jistgħu jiġu kundannati jagħtu xi differenza fil-valur divers, salv id-dritt tagħhom li jipparteċipaw minn dak il-kumpens tal-War Damage Commission, skond l-proporzjon tal-leġittima;

Għalhekk dan il-gravam jidher li huwa bażat; u għalhekk ma hemmx bżonn tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk hemmx ġudikat mis-sentenza "Mintoff vs. Lautier", deċiża fl-Appell fil-25 ta' Mejju 1942;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fuq l-appell ta' Giovanni Farrugia u Carmela Lautier, l-ewwel gravam li dawn ġiebu huwa illi bis-sentenza ta' din il-Qorti ta'-25 ta' Mejju 1942, in re "Mintoff vs. Lautier", l-assi ta' Gio Maria Farrugia ġie l'kwidat għall-fini tad-diviżjoni, u mhux għal-likwidazzjoni tal-leġittima. Dan apparentement huwa kontrosens, għaliex la darba ssir likwidazzjoni, issir għal kwalunkwe fini; imma sostanzjalment l-osservazzjoni hija eżatta, għaliex għal-likwidazzjoni tal-leġittima għandhom isiru ċerti riduzzjonijiet ta' donazzjonijiet u ta' legati illi f'każijiet oħra ma jistgħux jidħlu, oltre kriterji diversi f'materja ta' laxxiti ordnati mid-decujus;

L-appellanti ssottomettew ukoll illi bis-sentenza appellata għall-fini tal-leġittima ġew kalkulati, b'rijunjoni fittizja, anki d-donazzjonijiet li kienu saru minn Gio Maria Farrugia ma' tul iż-żwieġ lil xi wħud minn uliedu; is-somma ta' £144. 12. 0 li ħadet Carmela Lautier, £269. 6. 9 li ħadet Ester Condorato, £300 doti monastika ta' Suor Clotilde, ġew kollha konferiti fl-assi ta' Gio Maria Farrugia; però l-istess appellanti ssottomettew illi.............. is-sostanzi oġġett tad-doti ġew mogħtija mill-komunjoni ta' l-akkwisti; u allura, jekk dawn il-konferimenti jsiru interament fl-assi ta' Gio Maria Farrugia, dana l-assi għandu jiġi addebitat favur il-komunjoni ta' l-akkwisti għall-valur totali ta' dawn id-donazzjonijiet;

L-appellati rrispondew illi dan l-aggravju ma jfisser xejn għalihom, għax ma jaffettax il-leġittima fil-każ taħt eżami, u kien jaffettahom fil-każ ipotetiku li l-assi tad-decujus Gio Ma-

ria Farrugia jew ta' Marianna Farrugia ma kellux fih sostanzi biex jagħmlu fronti għal-leġittima. Din hija forsi osservazzjoni ta' natura prattika; imma jibqa' dejjem illi dak li osservaw l-appellanti huwa korrett; u għalhekk dan il-gravam huwa bażat;

Tikkunsidra;

Illi aggravju ieħor ta' Giovanni Farrugia u Carmela Lautier huwa illi s-somma ta' £300 hija doti ta' Suor Clotilde u għalhekk konferibili; is-somma ta' £42. 10. 0, nofs ta' £85. huma spejjeż illi l-ġenituri tagħha għamlu fil-festin meta daħlet soru; u l-appellanti ssottomettew illi dik is-somma ma tikkostitwix donazzjoni lit-tifla, imma spiża li saret in okkażjoni meta daħlet soru, bħal spejjeż għal festa taż-żwieġ, li ma humiex konferibili, u għalhekk għandha dik is-somma tiġi mnaqqsa tant mill-assi ta' Gio Maria Farrugia kemm mill-assi ta' Marianna Farrugia. Fuq dan il-pont l-appellati ssottomettew illi din il-pretensjoni hija kontra dak li jiddisponi l-artikolu 657 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi l-leġittima hija kalkolata fuq il-patrimonju inter dedotti l-piżijiet u l-ispejjeż funerarji, u fil-patrimonju għandu jiġi inkluż dak kollu illi d-decujus, taħt titolu gratuwitu, anki in kontemplazzjoni taż-żwieġ, ikun iddispona favur kwalunkwe persuna, eċċettwati l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni ta' kwalunkwe mit-tfal jew dixxendenti;

Għalhekk il-kwistjoni kollha qiegħda imperjnata jekk il-festin li sar mid-decujus meta Suor Clotilde saret soru għandux jiġi dedott jew le. Jekk wieħed jinterpreta letteralment l-artikolu ċitat mill-appellati nsibu illi l-leġislatur ried ir-rijunjoni fittizja, għal skop ta' leġittima, ta' dak kollu li t-testatur b'titolu gratuwitu, anki in kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, imbarra l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti oħra; il-festin li jkun sar għat-tifla li daħlet soru, jew in okkażjoni taż-żwieġ tat-tfal, ma jidhrux li għandhom jiġu kompriżi f'dak l-artikolu. Infatti l-fondament tad-dispożizzjoni qiegħed kollu fuq dak li l-missier jew l-omm ikunu taw lit-tfal taħt titolu gratuwitu; għaliex f'dak il-każ ma jkunx ġust illi d-decujus għandu jnaq-

qas il-porzjoni indisponibili, anki in kontemplazzjoni taż-żwieġ. Imma meta l-missier jew l-omm jagħmlu l-festa tat-tieġ, jew il-festin in okkażjoni ħal-vestizzjoni tat-tifla li tkun daħlet soru, b'dana jkunu qegħdin jiffesteġġjaw l-avveniment; imma l-t-tifla b'dan ma jkunu qegħdin jagħtuha xejn taħt titolu gratuwitu. U l-klient tal-liġi huwa ċar, illi t-testatur ikun "iddispona favur xi ħadd"; issa meta għamel il-festin, għalkemm in okkażjoni taż-żwieġ u biex jiffesteġġja dak iż-żwieġ, u l-festini għall-vestizzjoni tas-soru, ried jiffesteġġja event li għalih u għal familja huwa ta' gawdju; u għalkemm dana għamlu in unur tat-tifla, iżda lilha "ut sic" ma jkun taha xejn; u għalhekk l-kelma "iddispona" tibqa' mingħajr sinifikat u mingħajr applikazzjoni f'dan il-każ;

Għalhekk dan il-gravam jidher fondat għas-somma ta' £42. 10. 0 għall-assi ta' Gio Maria Farrugia, u £42. 10. 0 għall-assi ta' Marianna Farrugia;

Tikkunsidra;

Illi l-appellanti ġiebu t-t'elet gravam fuq is-somma ta' £18, valur ta' kalċi rigalat lill-Kanonku Burlò, peress illi skond l-appellanti dik mhix donazzjoni iżda sempliċi rigal. Dan il-gravam però huwa mingħajr bażi, kif tajjeb issottomettew l-appellati, peress illi dak huwa prevedut mill-artikolu fuq imsemmi, cioè oġġett donat jew rigalat; u għalhekk it-testatur iddispona favur xi ħadd taħt titolu gratuwitu minn dak l-oġġett;

Dan il-gravam għalhekk huwa mingħajr bażi;

Tikkunsidra;

Illi r-raba' gravam huwa illi peress Gio Maria Farrugia kien ordna illi s-somma ta' £25 għandha tintefaq fil-funerali, kieku dik is-somma ġiet hekk erogata, peress li ma tidherx lanqas eżaġerata, allura kienet tidħol f'dak li jiddisponi l-artikolu fuq imsemmi; imma peress li ġiet erogata għal funerali s-somma ta' £17. 13. 6, l-appellanti jippretendu illi l-bilanċ, li ġie erogat f'quddies għal ruħ id-decujus, għandu similment jiġi kompriż. L-appellati joppenu ruħhom, in vista illi l-liġi teżenta biss l-ispejjeż tal-funerali;

Dan il-gravam ma jidherx li huwa bażat. Infatti la dar-

ba l-liġi titkellem fuq spejjeż funerarji, kieku in okkażjoni tal-funeral saret quddiesa, kienet tidħol, imma meta l-ispiża funerarja hija ta' £17. 13. 6, għalkemm il-bilanċ mar għall-quddies, din is-somma ma għandhiex tiġi kalkulata f'dik is-somma. U għalhekk dan il-gravam għandu jiġi respint;

Tikkunsidra;

Illi similment huwa mingħajr bażi l-gravam l-ieħor, fejn l-appellanti jippretendu illi s-somma ta' £50 legat lill-Propaganda Fide, £25 lis-Soċjetà ta' S. Vinċenz de Paoli ta' Bormla, £25 lill-Istitut ta' San Ġużepp, £250 kapital fruttiferu għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies, u £150 għal fondazzjoni oħra, illi dawn ma għandhomx jiġu jkunu kunsidrati bħala liberalità; u għalhekk jippretendu illi nofs dawk il-laxxiti għandhom jitnaqqsu mill-assi ta' Gio Maria Farrugia. Dan, kif intqal, huwa kontra d-dispost tal-liġi fuq imsemmi, għaliex il-leġislatur, għar-rikostruzzjoni tal-parti indisponibili għall-fini tal-leġittima, huwa kategoriku meta jgħid illi dak kollu illi t-testatur ikun ħalla taħt titolu gratuwitu a favur ta' kwalunkwe persuna għandu jiġi riunit, ma għamelx il-limitazzjoni illi l-appellanti jippretendu li huwa għamel, anzi espressament qal illi jiġu eċċettwati l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tat-tfal. L-appellanti ssottomettew illi meta t-testatur iħalli assi diskret jista' jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet ta' liberalità favur isituti; huwa padrun jagħmel dawk il-laxxiti, imma mill-parti disponibili, għax kieku kien diversament, id-dritt tal-leġittimarju kien jista' jiġi eluż faċilment bir-riduzzjoni ta' laxxiti simili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tilqa l-appell ta' Concetta mart Lorenzo Mintoff fissens:— (a) illi l-leġittima għandha tiġi kalkulata skond il-valur ta' l-istabili bid-diminuzzjoni derivanti mill-ħsarat tal-gwerra, salv id-dritt tal-leġittimarji li jipperċepixxu l-kwota li jmisshom bħala leġittimarji minn kwalunkwe kumpens rifondibili mill-War Damage Commission; l-ispejjeż ta' din id-dikjarazzjoni jitħallsu mil-leġittimarji appellati; (b) tiddikjara u tiddeċidi..............;

2. Tilqa' l-appell ta' Giovanni Farrugia u ta' Carmelo

Lautier fis-sens biss illi :— (a) Tiddikjara illi l-gravam miġjub minn dawk l-appellanti fil-para. (1) tal-petizzjoni tagħhom huwa milqugħ, u għalhekk għandha ssir il-korrezzjoni neċessarja, salv jekk dan iġibx jew le kambjament fil-kalkolu tal-leġittima ; l-ispejjeż ta' din id-dikjarazzjoni ma jkunux taxxati bejn il-partijiet ; (b) tilqa' l-gravam miġjub mill-istess appellanti relativament għall-ispiża għal festin meta saret soru Suor Clotilde fis-somma ta' £85 skond it-termini tal-konsiderandi fuq miġjuba ; l-ispejjeż ma jkunux taxxati, id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellati.............. ;

3. Tirrespinġi l-appell fuq il-gravami l-oħra, bl-ispejjeż relativi kontra l-appellanti ; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell ; u peress li issa, in vista ta' din id-deċiżjoni, huwa neċessarju, tordna illi l-proċess ikun rinvijat mill-ġdid lill-perit legali Avukat Dr. Paolo Borg Grech biex jirriforma l-ewwel sentenza skond il-konsiderandi u d-dispożitiv ta' din is-sentenza, u jippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 1949 ; għal liema ġurnata din il-kawża tibqa' differita.